# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 221/2016: **NEVILLE GAFA (KI. 182574M) V. DAVID LINDSAY (KI. 13039A)**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 –FAIR COMMENT – EXCEPTIO VERITATIS – IL-ĠUSTIFIKAZZJONI TA' ALLEGAZZJONI MAGĦMULA MINN TERZ – ID-DIFFIKULTA' LI JISTA' JKOLLU D-DIFFAMATUR SABIEX JIPPROVA L-VERITA' – META L-QORTI TISTA' TQIS AMMISSIBBLI L-PROVI TAD-DETTO DEL DETTO – KAP. 12, ART. 599)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**2 ta' Mejju 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Neville Gafa ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2016 li permezz tiegħu talab lil David Lindsay ("l-intimat") bħala l-editur ta' "The Malta Independent on Sunday" kif ukoll bħala l-ġurnalist li kiteb l-artikolu intitolat "**Government official was netting up to €150,000 a month in medical visa scam"** fl-edizzjoni tal-21 ta' Awwissu 2016 sabiex jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat:

> "*Prevja dikjarazzjoni illi l-kontenut tal-artikolu ippubblikat ... hija libelluża u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrent, tiġi ikkundannat tħallas lir-rikorrent dik is-somma ta' mhux aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87) illi tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti skont il-liġi Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni*."

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fil-21 ta' Ottubru 2016[1] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

*"Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih għas-segwenti raġunijiet –*

1. *Li l-kontenut tal-artikolu lamentat mhux libelluż u / jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ma jirrappreżentax fatti inveritieri u għalhekk, ma kienx intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent.*

2. *Illi l-kontenut tal-artikolu lamentat jikkonsisti biss f' fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li għalhekk, jikkonsistu f' fair comment, kritika aċċettabbli f' soċjetà' demokratika u ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

wara li rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 il-partijiet qablu li l-provi kollha miġbura f'din il-kawża għandhom japplikaw ukoll għal-kawża numru 220/2016 u viċe-versa;

wara li rat li l-Qorti diversament preseduta semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Neville Gafa fis-seduti tas-16 ta' Jannar 2017[2] u 13 ta' Marzu 2017[3]; tal-Ispettur Rennie Stivala fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017[4]; ta' Ivan Grech Mintoff fis-seduti tal-14 ta' Mejju 2018[5], 18 ta' Ġunju 2018[6], 15 ta' Novembru 2018[7] u 21 ta' Jannar 2019[8];

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat li din il-Qorti kif presjeduta semgħet ix-xhieda ta' Mohammed Najib Ayman, Mohammed Alseed Misbah, Mohammed Ali Algool, Hamza Hussain u Mohammed Salem

---

[1] Fol 8
[2] Fol. 18-30
[3] Fol. 37-38
[4] Fol. 31-35
[5] Fol. 72-78
[6] Fol. 79A – 79C
[7] Fol. 175 - 212
[8] Fol. 230A – 230 J

Agag permezz tal- video conferencing fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019[9] u bl-istess mezz semgħet ix-xhieda ta' Yousef Abdulwahab[10] u Dao Salem Ali Elamoud[11] fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021;

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavit tal-intimat,[12]

wara li qrat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha mogħtija f'din il-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom tal-intimat mill-Avukat Dr. Peter Fenech,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Għall-finijiet ta' preċiżjoni jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, ċioe' ftit inqas minn sentejn wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

> *'25(2) l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar'*

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

### Il-mertu tal-każ

3. L-artiklu mertu ta' din il-kawża kien l-ewwel wieħed minn sensiela ta' artikli miktuba mill-intimat fil-konfront tar-rikorrent fuq l-istess tema u ppubblikati fuq il-gazzetta "The Malta Independent on Sunday". L-artiklu ppubblikat fil-21 ta' Awwissu 2016 kien iġorr it-titlu "**Government official was netting up to €150,000 a month in medical visa scam**". It-tieni artiklu, ippubblikat ġimgħa wara

[9] Fol. 241 – 266
[10] Fol. 281-287
[11] Fol. 288-29
[12] Fol 49

u ċioe fit-28 ta' Awwissu 2016, kien iġorr it-titlu "**Receipts show EUR 35,000 in payments made to Neville Gafa by Libyan middleman"** u jifforma l-mertu tal-kawża numru 220/2016. Iż-żewġ kawżi sostanzjalment jitrattaw l-istess tema u qegħdin jiġu deċiżi llum kontestwalment. Permezz ta' verbal fl-atti ta' din il-kawża magħmul fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 l-partijiet qablu li l-provi kollha miġbura fil-kawża l-oħra (Rik. Nru. 220/16) għandhom japplikaw għal din il-kawża u *viċi-versa*.

4. L-artiklu in kwistjoni jiżvela l-eżistenża ta' *racket* li permezz tiegħu r-rikorrent kien daħħal sa' €150,000 fix-xahar (bejn €2 miljuni u €3 miljuni b'kollox) in konnessjoni mal-għoti ta' *medical visas* lil Libjani li sfaw feruti fil-gwerra f'pajjiżhom u li nbagħtu Malta għall-kura taħt ftehim li kien laħaq l-Istat Malti mal-Gvern Libjan. Fost affarijiet oħra l-artikolist jgħid ukoll illi skond is-sorsi tiegħu l-persuni wara din ir-*racket* serqu l-flus minn nies feruti, inkluż tfal, li spiċċaw baqgħu ma' ħadux il-kura meħtieġa u xi ftit minnhom fil-frattemp laħqu mietu.

5. Sussegwentement għall-artikolu r-rikorrent Neville Gafa bagħat stqarrija (bi dritt tar-risposta li *inter alia* dehret fl-edizzjoni tal-ħadd ta' wara) sabiex jiċħad dawn l-allegazzjonijiet fosthom illi qatt kien hemm xi Libjan li ħallas xi flejjes għall-hekk imsejjħa *medical visas* inkluż it-tariffa ta €66 li soltu kienet titħallas sabiex tinħareġ tali visa.

**L-ewwel eċċezzjoni: l-verità tal-fatti allegati**

6. L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi l-kontenut tal-artikolu lamentat mhuwiex libelluż stante illi ma jirrappreżentax fatti inveritieri. Din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis* tixħet piż qawwi fuq ir-rikorrent, partikolarment f'din il-kawża, fejn mhux biss jeħtieġlu jipprova illi huwa verament kellu f'idejh l-informazzjoni msemmija fl-artikolu iżda oltre minn hekk jrid jipprova ukoll illi l-allegazzjonijiet magħmulha fl-artikolu – effettivament li r-rikorrent kien ixxaħħam jew ħa flus illeċiti sabiex jinħarġu *medical visas u li kien hemm nies feruti li baqgħu ma' ħadux it-trattament neċessarju minħabba dan l-aġir* – kienu sostanzjalment veri u korretti.

*X'jgħidu l-awturi u x'tgħid il-każistika*

7. Kif ingħad mill-Gatley:

*"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the*

*alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"*[13]

8. Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("plea of justification") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet '**Brian Ebejer v. Dennis Degiorgio'** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li: "*irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li 'in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified'"*[14]

9. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '**Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose' Herrera'** (ECLI:MT:AINF:2017:104601 deciza fit-30 ta' Jannar 2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset: *"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. 'A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages".*

*Il-liġi*

10. Għall-finijiet ta' din il-kawża, din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija

---

[13] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.
[14] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġna 86"*

ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taht waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

3. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

4. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

11. Fiż-żmien in kwistjoni r-rikorrent kien *Project Director* fil-Ministeru għas-Saħħa kif ukoll *liaison* bejn il-Prim Ministru u l-Ministru għas-Saħħa. Kif qal fix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Jannar 2017, minn Awwissu 2014 huwa kien ġie inkarigat biex jikkoordina dawk it-talbiet mil-Libja lill-Gvern Malti sabiex jinġiebu pazjenti Libjani għall-kura tagħhom f'Malta. M'hemmx dubbju għalhekk li f'tali posizzjoni r-rikorrent mhux biss kien uffiċjal u impjegat pubbliku iżda inoltre kien jokkupa kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali. Din l-eċċezzjoni għalhekk setgħet titqajjem b'mod validu fil-konfront tieghu. Naturalment jibqa' neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimat irnexxielux bil-provi li ressaq tul din il-kawża isostni din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis.*

*Provi - rikorrent*

12. Ir-rikorrent **<u>Neville Gafa</u>** ressaq il-provi segwenti:
    1. Ix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduti tas-16 ta' Jannar 2017 u 13 ta' Marzu 2017;
    2. Ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017.

13. Fix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Jannar 2017 **<u>Neville Gafa</u>** xehed illi huwa kien *Project Director* fil-Ministeru għas-Saħħa flimkien ma' *liaison* bejn il-Prim Ministru u l-

Ministru tas-Saħħa. Spjega li minn Awwissu 2014 huwa kien ġie inkarigat sabiex jikkoordina t-talbiet mill-awtoritajiet Libjani sabiex pazjenti Libjani jinġiebu Malta għall-kura:

> *"Jiena xoghli kien li nircievi minn ghand l-awtoritajiet Libjani li jkunu diga` ghamlu l-vetting taghhom. Min-naha tieghi nikkoordina kemm mal-Ministru tas-Sahha biex jivvettja klinikament u kif ukoll il-Kummissjoni ta' l-Imigrazzjoni biex jivvettjaw imbaghad jaghmlu d-due diligence fuqu; kif ikolli l-go-ahead miz-zewg Dipartiment imbaghad tiskatta l-process biex il-pazjent jigi Malta."*

Ikkonferma ukoll illi dawk il-midruba li kienu jinġiebu Malta għall-kura ma' kienux jiġu ċċarġjati flus, lanqas sabiex tinħarġilhom il-*visa* u dan stante li kien intlaħaq qbil bejn il-Gvern Malti u dak Libjan fl-2011. Il-qraba tagħhom illi kienu jakkumpanjawhom kienu iħallsu għall-*visa* tagħhom. Dawk il-pazjenti li ma' kienux midruba fil-gwerra iżda li kellhom bżonn xi tip ta' kura kienu jinġiebu Malta ukoll iżda dawn kienu iħallsu €66 għall-*medical visa.*

14. Ir-rikorrent ċaħad kategorikament illi huwa qatt ħa xi flus personalment minn din is-sistema. Huwa spjega kif kienet titħaddem il-proċedura tal-*medical visas* f'ċertu dettal:

> *"... l-unika flus li hadt fuq dawn l-operazzjonijiet li kont qed naghmel huwa l-paga tal-gvern u s-sitta u sittin ewro tal-visa illi dawk huma administrate fees. Jigifieri jekk ikun hemm talba ghal viza u tintlaqa' tithallas sitta u sittin ewro mill-ewwel. Izda jekk ikun hemm xi viza u ma tiġix accettata dawk il-flus ma jinghatawx lura ghaliex hija administrate fee. Jigifieri l-unika flus li ma inghatawx lura huma dawk is-sixty six Euros...*
>
> *... Ehe, mela jekk tkun dahlet fl-ufficcju tieghi ovvjament ahna nircivihom u ahna nibaghtuhom – jiena jigifieri jiena Neville Gafa` nibghathom lil CV Unit bil-passapport, kopja ta' dan il-passaport jew passaporti.... Central Visa Unit li qieghed il-Furiana. Jien nibghat d-dokumenti kollha relatati inkluz is-sitta u sittin ewro go envelope u mbaghad jiskatta l-process tieghu. Imma dawk il-flus ma humiex rifonduti. Jigifieri l-unika flus li ma gewx ritornati huma dawk is-sixty six Euros... Kienu jithallsu f' isem il-pazjent li gej. Pero` ha naghmilha cara, dawn ma jkunux midruba izda medical tourism patient. Jigifieri hemmhekk il-Libja nafu llum il-gurnata u anke s-sena l-ohra illi s-servizz tas-Sahha krolla, ghaldaqstant ma kellhomx fejn jinghataw trattament mediku kif suppost, u ahna Malta konna qed naccettaw dan it-tip ta' turizmu illi xi hadd illi ghandu*

> *bzonn l-ghajnuna fejn nistghu intuha ahna japplika ghal visa, japplika direttament is-Central Visa Unit, tinghata dik il-fee u mbaghad tohrog il-visa u dak il-pazjent ikun jista' jigi Malta."*

15. Rigward ir-riċevuti li l-intimat qal li kellu fil-pussess tiegħu u li kienu juru l-ħlas ta' kważi €35,000 lir-rikorrent mill-intermedjarju Khaled Ben Nasan (materja li għalkemm strettament tifforma l-mertu tal-kawża bin-numru 220/16, hija ukoll rilevanti għall-kawża odjerna in kwantu talludi għall-allegat tixħim min-naħa tar-rikorrent) Neville Gafa xehed hekk:

> *"Pagna 8 gew ippubblikati rcevuti illi hemm hafna ismijiet l-ewwel nett jien ma nafx naqrahom ghax jiena ma nafx naqra bl-Gharbi, iżda dawn hawnhekk qeghdin jghidu li jiena hadt dawn l-ammonti minn ghand dawn in-nies. Hemm miktub fost l-ohrajn – "to Neville" fuq dawn l-ircevuti. Jiena qabel dik il-gurnata qatt ma rajt dawn l-ircevuti. Rajthom biss fuq il-gazzetta dak inhar u rajthom darba ukoll meta kienu baghtu ghalija l-Pulizija. Jiena dawn l-ircevuti ma rajthom qatt u dawn in-nies ma nafx min huma... Issa tajjeb li ninnotaw Sur Magistrat illi meta ahna ghamilna x-xoghol u l-Pulizija ghamlet ix-xoghol, dawn in-nies lanqas biss qatt ma kelli x' naqsam maghhom jien. Nahseb li kif jistghu jixhdu l-Pulizija hemm minnhom lanqas biss kienu ghandhom bzonn kura medika izda kienu diga` qed jghixu hawnhekk."*

16. Dwar l-iskambju ta' messaġġi bejnu u Khaled Ben Nasan, skond kif rappurtat fl-artiklu lamentat, ir-rikorrent qal hekk:

> *"... li nista' nghid fuq dawk l-SMSs huwa dan : dan kien bniedem illi kien jigri warajja u icempilli il-hin kollu, ma nafx kemm-il darba, il-granet kollha. Jiena ma kontx inwiegbu ovvjament ghaliex ma kontx inhossni li ghandi noqghod inwiegbu, imma fost l-ohrajn gie li ghedtlu, darba ghedtlu – "yes", ktibtlu u ghedtlu li frosi nitlaqghu xi darba ohra. Ghedtlu "niltaqghu niehdu kafe". Jiena kont ghamilt din il-bicca xoghol ghal fatt li dan kien ghajjieni, psikologikament ghajjieni; il-hin kollu jcempel il-gurnata shiha! U jibgbat il-messaggi."*

17. Skond ir-rikorrent huwa sar jaf lil Khaled Ben Nasan permezz tal-Ambaxxatur Malti għall-Libja f'Awwissu 2014 meta kien għaddilu lista ta' nies midruba. Ir-rikorrent xehed illi huwa infurma lil Ben Nasan illi kull talba sejra tiġi kkunsidrata *through the proper channels* wara li jiġu vvettjati n-nies in kwistjoni. Effettivament kien hemm

numru kbir ta' nies riferuti minn Ben Nasan illi kienu ġew Malta għall-kura iżda dawn ma' kienux fost il-pazjenti li sofrew feriti fil-gwerra. Kien hemm ukoll ħafna nies li ma' tqiesux bħala ġenwini u għalhekk ma' tħallewx jidħlu Malta u dan anke wara li tkun saret rakkomandazzjoni f'dan is-sens mill-awtoritajiet Libjani li huma ukoll kienu jagħmlu l-*vetting* tal-applikanti. Anke fir-rigward ta' dawn il-Libjani midruba li ġew Malta għall-kura, ir-rikorrent jgħid illi kien hemm numru kbir ta' dawn il-persuni li kienu ġew aċċettati ġewwa Malta, filwaqt li dawk li ma' kienux aċċettati kienu dawk li ma' kienx hemm il-*go-ahead* għalihom mill-Pulizija ta' Malta jew mill-Ministeru għas-Saħħa. Dawn kienu jiġu riferuti għall-pajjiżi oħra.

18. Neville Gafa spjega ukoll x'kien seħħ meta bdew joħorġu l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Hu xehed illi dawn kienu bdew fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju 2016 u dwarhom kien ġie infurmat mill-*Foundation for Medical Services* li kien impjegat tagħhom. Jidher illi l-Ministru ta' dak iż-żmien Konrad Mizzi kien għadda l-allegazzjonijiet lill-Avukat Ġenerali. Meta però laħaq Ministru tas-Saħħa Dr. Chris Fearne huwa bagħat għalih u skond ir-rikorrent kien huwa stess illi ħeġġu biex jirreferi l-każ lill-Pulizija Eżekuttiva. Dawn min-naħa tagħhom kienu bagħtu għalih u r-rikorrent kien ikkopera magħhom. Saret ukoll tfittxija fl-uffiċju li kellu dak iż-żmien fil-Ministeru għas-Saħħa. Meta bdiet l-investigazzjoni huwa ġie trasferit lejn Għawdex u hu ma reġax daħal lura l-uffiċju:

> *"Darba fost l-ohrajn cempluli l-Pulizija, jidhirli li kien ghall-Lulju – l-ahhar gimgha ta' Lulju, qaluli "isma' Sur Gafa` ghandna bżonn nidhlu fl-ufficcju tieghek." Ghedtilhom "jiena minhiex qieghed Malta iżda qieghed Ghawdex, ghedtilhom pero` mhix problema, il-Ministeru ghandhom ic-cavetta ta' l-ufficcju tieghi u intikom il-go-ahead biex tidhlu u aghmlu dak li ghandkom bzonn." Mit-taghrif li ghandi jirrizulta li s-search kienet fin-negattiv. Jigifieri jiena mhux talli ma kellix x' nahbi talli hallejthom jidhlu l-ufficcju tieghi minghajr ma nkun preżenti"*

19. Ftit jiem wara li kienet saret din it-tfittxija, kien il-ġurnal "The Times" li ħareġ l-ewwel artiklu fuq dawn l-allegazzjonijiet. Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' dan l-artiklu (immarkat Dok NG1)[15]. Skond ir-rikorrent huwa kien għamel dritt ta' risposta u l-istorja waqfet hemm wara li din

[15] Fol 39

kienet ġiet ippubblikata. Ftit ġimgħat wara imbagħad ġew ippubblikati l-artikli fuq "The Malta Independent on Sunday".

20. Huwa spjega kif wara li kien ħareġ l-artiklu tal-21 ta' Awwissu 2016 bit-titolu "**Government official was netting up to €150,000 a month in medical visa scam**", huwa kien bagħat stqarrija bħala dritt ta' risposta iżda din ġiet ippubblikata flimkien mal-artiklu mertu tal-kawża numru 220/16 fil-ħarġa tat-28 ta' Awwissu 2016 meta kienu ħarġu allegazzjonijiet ġodda, b'mod illi għalhekk skond ir-rikorrent din id-dritt ta' risposta kienet ġiet mistura u ma' kienetx ġiet ippubblikata kif suppost. Għal kull bwon fini minn provi oħra rriżulta illi l-istqarrija tar-rikorrent kienet ġiet riprodotta (i) dakinhar stess tal-21 ta' Awwissu 2016 fuq is-sit elettroniku ta' "The Malta Independent, (ii) l-għada 22 ta' Awwissu 2016 fuq il-gazzetta "The Malta Independent" u (iii) nhar it-28 ta' Awwissu 2016.

21. Ir-rikorrent stqarr ukoll dwar x'kienet l-aktar ħaġa li ħassu malafamat biha fl-artiklu lamentat:

> *" L-iktar haga li weggaghtni mhux illi jiena hadt dawk iz-zewg jew tliet miljun ewro minn kif qed jigi allegat! Izda l-iktar haga li weggghatni hija li jiena irrifjutajt milli ngib tfal li kellhom bzonn assistenza medika urgenti, u b' konsegwenza li dawn it-tfal mietu. Jiena din nichadha kategorikament. Tfal gibna mhux wiehed, imma gibna kemm kien hemm bzonn. L-unika tfal, u nerga' nirrepeti, l-unika tfal li ma ngabux Malta kienu dawk li klinikament ahna ma nistghux nikkuraw. Jiena din l-iktar haga li weggghatni. U fil-fatt l-artikolu meta bdejt insegwi – il-kummenti bdew tielghin fis-social media l-iktar haga li ikkritikawni u weggghuni n-nies fuqha din illi jiena dhert qisni kriminal illi qisni ma ghandi ruh ta' xejn u lanqas biss hennejt ghal dawn it-tfal! Mentri l-fatt huma mod iehor, ghaliex fejn stajna nikkuraw it-tfal gew. Gew ikkurati u Alla Ibierek kellna tfal, kien hemm anke zewg kazijiet fejn it-tfal lanqas kienu qatt kielu fi tliet snin! Gibnihom Malta, operajnihom, u llum Alla Ibierek."*

22. Finalment ir-rikorrent xehed kif wara li ġew ippubblikat l-artikli fuq "The Malta Independent on Sunday" u qabel ma' nfetħu l-proċeduri ġudizzjarji kontra l-intimat, kien avviċinah l-intermedjarju Khaled Ben Nasan waqt li kien qiegħed fuq mejda ħdejn il-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Madanakollu r-rikorrent ma' riedx kliem u qallu li jekk huwa ried jgħid xi ħaġa kellu jgħidha biss lill-Pulizija.

23. Fix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Jannar 2017 **l-Ispettur Rennie Stivala** spjega kif kienet ġiet ippreżentata kwerela minn avukat għan-nom ta' Khaled Ben Nasan kontra r-rikorrent u xi nies oħra dwar allegat tixħim. L-investigazzjonijiet però kienu għadhom għaddejjin u għalhekk ix-xhud ma' xtaqx li jagħti iżjed informazzjoni fuq l-andament tagħhom għajr għall-fatt illi l-Pulizija kienet viċin li tagħlaqhom. Ix-xhud spjega illi Ben Nasan kien ippreżenta ukoll rapport lill-Pulizija dwar allegat theddid li rċieva minn terzi persuni. Inoltre ikkonferma illi kien irċieva ukoll kwerela mir-rappreżentant legali tar-rikorrent dwar l-allegat riċevuti. Spjega illi l-investigazzjonijiet varji dwar dawn il-kwereli u rapporti ingħaqdu f'investigazzjoni waħda kbira, liema investigazzjoni kif ingħad kienet għada pendenti fiż-żmien tax-xhieda.

24. Sad-data ta' din is-sentenza, ma' tressqu l-ebda provi dwar l-eżitu ta' dawn l-investigazzjonijiet.

*Provi - intimat*

25. L-intimat **David Lindsay** ressaq il-provi segwenti:
    1. Ix-xhieda tiegħu mogħtija permezz ta' affidavit;
    2. Ix-xhieda ta' Ivan Grech Mintoff mogħtija fuq medda ta' erba' seduti, ċioe fis-seduti tal-14 ta' Mejju 2018, 18 ta' Ġunju 2018, 15 ta' Novembru 2018 u 21 ta' Jannar 2019;
    3. Ix-xhieda ta' Mohammed Najib Ayman, Mohammed Alseed Misbah, Mohammed Ali Algool, Hamza Hussain u Mohammed Salem Agag mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019;
    4. Ix-xhieda ta' Yousef Abdulwahab u Dao Salem Ali Elamoud mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021

26. Fl-affidavit tiegħu l-intimat **David Lindsay** xehed illi huwa bbaża l-artiklu tiegħu fuq informazzjoni li kiseb minn Khaled Ben Nasan, Libjan imwieled is-Sirja u li jgħix ġewwa Malta kif ukoll mingħand sorsi fi ħdan is-servizzi sigrieti Libjani:

> *"Following the receipt of the information which led to the decision to investigate the matter forward and which eventually led to the publication of a number of stories on the matter, it was clearly stated in the article in question that these sources have spoken to me "on condition of anonymity considering the sensitivity of the situation in the country". I do not have consent at the moment to share neither the position nor the name of the individual in open court. However, I felt that as an*

*editor and journalist the severity of these declarations, which I duly verified, merited the information being published notwithstanding the threat of a potential libel suit against the newspaper. The latter has become common practice and if a serious journalist succumbs to these daily threats, there will no longer be any journalism to speak of in this country. When the information was received, the decision was taken to verify first rather than run with the story. I met with Mr Ben Nasan at a location outside my office in the week preceding the publication of the article in question, present there was also Mr. Ivan Grech Mintoff. Following an explanation of the information which Mr. Nasan wanted to divulge to me, a number of phone calls were made in my presence to persons whom were introduced to me as Libyan security services sources, whose complaints against Mr Gafa formed the basis of the article in question. Although some very serious accusations were made by the Libyan sources, as can be seen in the article in question, the writing was an exercise in restraint as there was much more information given to me at the time which I had considered to have been imprudent to publish at the time."*

27. L-intimat għalaq l-affidavit tiegħu billi reġa' rripoduċa l-istqarrija tar-rikorrent bħala dritt ta' risposta fl-interita' tagħha.

28. Ix-xhud **Ivan Grech Mintoff** xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 illi l-istorja li wasslet għall-pubblikazzjoni tal-artiklu mertu ta' din il-kawża mill-intimat hija waħda kumplikata u li l-kwistjoni tal-*medical visas* kienet biss parti waħda mill-istess storja:

*"L-istorja mhux taqsam biss mal-medical visas imma hemm hamest tipi ta' abbuz li ghandu x'jaqsam mal-kidnapping, li ghandu x'jaqsam ma' medical visas, li ghandu x'jaqsam max-Schengen visas, li ghandu x'jaqsam ma' business visas u li ghandu x'jaqsam ma' student visas ukoll. Jiena kelli program fuq it-television jismu Exodus u approachjawni certu Libjani, ghandi relazzjoni tajba ma' kull awtorita' fil-Libja, igifieri mhux biss il-Gvern imma anke fir-regjuni differenti… Ghandi rispett minn kull naha, ghax ma nihux side kontra ohra u dawn bdew jizvelawli hafna dokumenti, hafna ukoll recordings u hafna ukoll xhud li kellmuni fuq dan l-abbuz li kien qed isir. Wahda minnhom ovvjament kienet fuq il-medical visas."*

Dwar dak li kien qallu l-*middleman* Ben Nasan huwa xehed hekk:

*"Li bazikament kien il-middleman… hu jghid li kien il-middleman li kien jghaddi l-flus lil Neville Gafa u spjega wkoll kif kien jghaddi dawn il-flus, u x'records kien izomm u ma qghadtx fuq il-kelma tieghu biss imma staqsejtu ukoll lil sorsi fil-Libya*

*inkluz is-secret service taghhom li tawni ismijiet ta' nies li ghandi nikkuntattja, tawni t-telephone number taghhom, kellimthom, iltqajt ma' diversi minnhom ukoll u dawn kollha jghidu li iltaqghu ma' Neville Gafa, anzi mhux jghiduli biss, imma kienu lesti li jiena nirrekordjahom jghiduli, igifieri ghandi tapes taghhom, u anke kitbu certu affidavits u lesti wkoll jigu jixhdu fil-Qorti jekk huma imsejhin biex jigu jixhdu fil-Qorti biex jghidu li ltaqghu ma' Neville Gafa. Neville Gafa staqsihom ghall-flus, u semmew is-somom li semma'… li staqsihom ghalihom u dawn igifieri jiena kont kemm nista' nikkollabora dak li kienu qed jghiduli, jiena pruvajt nikkollaborah from different sources"*

Dwar ir-riċevuti li ġew annessi mill-intimat David Lindsay mal-affidavit tiegħu fil-kawża numru 220/16  x-xhud ikkonferma s-segwenti:

*"Mela, dawn l-ircevuti kitibhom Khaled Ibrahim Ben Nassar il-whistleblower. Kien izomm xi erbgha kotba minnhom dawn, erbgha kotba tal-invoices u qal li… lili qalli li kien izomm dawn ghax meta kien jaghti l-passaporti tan-nies li kellhom bzonn il-medical visas li kien jitfa' f'envelope flimkien mad-dokumenti, insurances, etc, etc plus il-flus, Neville Gafa kien ihawwad u allura bdew din is-sistema fejn Neville Gafa kien ikollu ktieb, registru ta' min huma dawn in-nies, eccetra eccetra u hu kien izomm l-ircevuta hawnhekk. Din l-ircevuta wkoll naf li… dawn l-ircevuti qeghdin ghand il-pulizija ukoll ghax kienu baghtu ghalija…*

*... L-ircevuti l-isem tal-persuna… tal-persuni, id-data ta' meta halli inkartament Neville… halli Ibrahim ghadda l-flus lil Neville Gafa, hemm il-passport number, hemm id-data ta' meta, u hemm miktub per ezempju, to Neville, 1700 euro. Jiena tlabt lil pulizija biex tal-inqas jekk iridu jaghmlu ricerka, jivverifikaw jekk dawn hux tajbin jew le, kemm imorru l-Identity Malta, jaraw jekk dawn in-nies b'dawn il-passaporti inghatawx visa u tal-inqas jistaqsuhom jekk hallsux jew le u kellhom hafna nies min dawn lesti li jekk dawn ituhom… dawn hallsu ghal visa biex jigu Malta minn post tal-gwerra. Gew biex isalvaw il-familji taghhom. Jekk il-pulizija jew il-Gvern Malti kien lest li jtihom amnestija, dawn kienu lesti jixhdu wkoll biex jghidu jekk hallsux jew le...*

*... Apparti minn dawk kellimt nies ohrajn ukoll, wiehed minnhom in partikolari li qal li … u ghandi rekordjat, u ghandi… affidavit tieghu ukoll u passport number tieghu u ritratt tal-passaport u kollox u l-pulizija ghandhom kollox minn dawn, qal li iva, meta kien Malta ghal kura l-ewwel kellu jhallas biex jidhol f'Malta, wara gimgha li kien Malta, igifieri qatghulu saqajh dan, kien ghadu mhux ikkurat, wara gimgha Neville Gafa u xi hadd iehor mar il… l-isptar, staqsieh ghal 25,000 euro inkella jkeccieh minn Malta. Dan il-persuna spicca mkecci minn Malta ghaliex*

*spicca ma hallasx il-25,000. Jiena staqsejtu jekk hux lest jigi hawn Malta… mela jiena irrekordjajtu, ittejpjajtu. Ghamel affidavit u staqsejtu jekk hux lest li jigi Malta jixhed dan il-kliem u qalli li iva lest li jigi jixhed ukoll"*

29. L-istess xhud kompla jispjega li bħala parti mill-indaġini tiegħu huwa kellem ukoll ġeneral u Ministru tas-Saħħa Libjan li lkoll riedu jiġu Malta sabiex isaqsu lill-Gvern għaliex il-Libjani kienu qegħdin jiġu ċċarġjati u li però kellhom it-talba għall-*visa* tagħhom miċħuda bl-intervent tar-rikorrent innifsu.

30. Rigward l-ammont ta' ċirka €35,000 li allegatament kienet ingħata r-rikorrent ix-xhud qal illi:

*"Mhux talli jien nikkonfermahom imma talli Khaled Ibrahim Ben Nassar fetah il-kawza l-Qorti wkoll biex jigbor dawn il-flus lura. Apparti minn hekk, jiena ha nerga' nghid tkellimt ma' generali u nies li jahdmu fl-ufficcju tal-Prim Ministru Libjan li qalu iva hallasna il-miljuni, mhux dawk biss igifieri, dawk covered u kif covered. U lesti jigu jixhdu wkoll."*

31. Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2018 l-istess **Ivan Grech Mintoff** ippreżenta sett ta' noti fuq disgħin paġna[16] li ġew mħejjija minnu personalment sabiex jipprepara għax-xhieda tiegħu. Dawn in-noti jinkludu r-riżultanzi kollha tiegħu mhux biss fuq il-kwistjoni tal-allegat bejgħ tal-*medical visas* (mertu ta' din il-kawża) iżda anke fuq kwistjoni oħra u ċioe fuq l-allegat bejgħ ta' *Schengen visas* bejn l-2013 u l-2014 bl-involviment ta' persuni oħra li ma' għandhomx x'jaqsmu mar-rikorrent.

32. Bħala parti minn dawn in-noti x-xhud esebixxa ukoll kopji tar-riċevuti in kwistjoni (li imbagħad l-intimat kien ippubblika fl-artiklu mertu tal-kawża numru 220/16) kif ukoll *transcripts* tat-telefonati li huwa kien għamel ma' ħames persuni Libjani li kollha attestaw għall-aġir tar-rikorrent fuq din il-materja. Ippreżenta ukoll lista ta' seba' persuni Libjani (fosthom il-ħamsa li kien ċempillhom biex ikellimhom) li skond hu kienu lesti li jixhdu fil-kawża.

33. Il-ħames persuni li skond ix-xhud ġew mitkellma minnu u li hemm ukoll ir-ritratt tal-passaport tagħhom a fol 135 tal-proċess huma s-segwenti:

---

[16] Fol 80 sa 172 tal-proċess fil-kawża numru 220/2016

1. **Serraj Essa** (skond il-passaport, Seraj Adden Sasi Ali Essa)**:** Skond ix-xhud, matul it-telefonata dan il-persuna li kien jokkupa l-kariga ta' Ġeneral fil-Gvern Libjan, spjega li r-rikorrent kien talab u tħallas l-ammont ta' €1,750,000 sabiex jinħarġu tnejn u għoxrin *medical visas* urġenti lil persuni midruba. Meta uffiċjali tal-Gvern Libjan riedu jiġu Malta sabiex jindagaw għalfejn kienu qed jintalbu jħallsu dawn l-ammonti, r-rikorrent kien intervjena sabiex din il-laqgħa ma' ssirx. Skond ix-xhud, Serraj Essa kien ikkonferma illi minkejja li r-rikorrent kien idderiġa lid-delegazzjoni Libjana sabiex tmur tiġbor il-*medical visas* mit-Tuneżija, dawn baqgħu qatt ma' waslu u ftit wara u kien qata' l-kuntatt minn magħhom;

2. **Ali Gamati:** Skond ix-xhud, matul it-telefonata dan il-persuna li kien jokkupa l-kariga ta' *Senior Police Officer* fil-Libja, qallu illi huwa kien għamel xi sitt xhur jipprova jġib *medical visas* mill-Konsulat Malti ġewwa l-Libja mingħajr suċċess. Kien biss meta għamel kuntatt ma' Ben Nasan illi l-affarijiet iċċaqalqu. Fit-telefonata li Grech Mintoff għamel ma' Gamati dan infurmah illi r-rikorrent kien talab li jiġu depożitati €3,000,000 f'kont bankarju u talab ukoll il-ħlas ta' €3,500 (aktar tard dan l-ammont ġie ridott għal €3,000) għal kull *medical visa* li kellha tinħareġ bl-intervent tar-rikorrent;

3. **Ayman Alzintani** (skond il-passaport, Ayman Mohammed Alseed Misbah)**:** Dan il-persuna kien impjegat fil-VIP Lounge fl-ajruport ta' Tripli, fil-Libja. Fit-telefonata max-xhud huwa spjega li kien involut fil-loġistika sabiex jintbagħtu Libjani midruba li kellhom bżonn il-kura ġewwa Malta. Alzintani qal lix-xhud illi r-rikorrent kien talbu bejn €2,000 u €2,500 sabiex jinħarġu *medical visas* għall-Libjani li kienu ġew feruti fir-reġjun fejn jgħix. Huwa qal ukoll illi r-rikorrent kien talab lil ċertu Ahmed Fenir minn Zintan, is-somma ta' €25,000 sabiex jinġieb Malta għal kura. Dan kellu bżonn *arm prosthesis* peress illi waħda minn idejh kienet spiċċat maqtugħa kaġun tal-ġlied.

4. **Osama Mohammed Zaidi:** Dan kien pazjent illi ġie Malta għall-kura. Skond Zaidi, waqt li kien diġa Malta r-rikorrent kien personalment, tramite interpretu Libjan bl-isem ta' Mabrouk Garsalla, talbu jħallas somma flus. Skond ix-xhud waqt it-telefonata infurmah illi ftit jiem wara l-intervent kirurġiku li sar fuqu ġewwa Malta, u fil-perjodu tal-konvalexxenza huwa tkeċċa minn Malta għaliex ma' kienx ħallas lir-rikorrent is-somma mitluba.

5. **Ali Mohameed Algool:** Dan il-persuna kien jaħdem fil-Parlament ta' Tobruk, ġewwa l-Libja, fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim Ministru u kien inkarigat li jieħu ħsieb il-loġistika fir-rigward tal-midruba li kellhom jinġiebu Malta mir-reġjun tiegħu. Huwa kien ukoll responsabbli sabiex jakkumpanja lil xi uħud minnhom ġewwa Malta. Fit-telefonata huwa kkonferma li r-rikorrent kien talab il-flus għall-*visas* tramite l-interpretu Mabrouk Garsalla. Waqt li kien Malta huwa kien ġie sfurzat iħalli pajjiżna u qabel telaq kien mitlub jiffirma dikjarazzjoni li wara nduna li kienet effettivament qed timpedih milli jerġa jidħol lura fiż-Żona Schengen għall-ħames snin ta' wara.

34. Għal kull bwon fini, fis-seduta sussegwenti tal-15 ta' Novembru 2018, in kontroeżami, ix-xhud indika illi l-identità tal-persuni li kienu kellmuh fuq it-telefon kienet ġiet aċċertata mill-Uffiċju tal-Prim Ministru Libjan Fayez al-Sarraj.

35. Ix-xhud jgħid li kellem ukoll lil żewġ persuni oħra li però ma' kienux ġew irrekordjati. Dawn huma:

1. **Abdulhakim S.A. Mreshigh:** Skond Grech Mintoff dan il-persuna kien inkarigat mill-korrispondenza bejn il-Ministeru tas-Saħħa Libjan u r-rikorrent. Ix-xhud jgħid li Mreshigh kien lest jixhed dwar il-fatt li r-rikorrent kien personalment intervjena sabiex jwaqqad delegazzjoni Libjana milli tiġi Malta sabiex tindaga 'l għaliex kienu qegħdin jintalbu flus għall-*medical visas.*

2. **Naji Ejudi Duw Almabrouk**: Skond ix-xhud dan kien lest li jixhed dwar il-fatt illi żewġ neputijiet tiegħu li kienu ħadu l-kura ġewwa Malta kienu ġew mitluba jħallsu għall-*medical visas* tagħhom*.*

36. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 kompla jixhed **Ivan Grech Mintoff** li esebixxa r-*recordings* tat-telefonati li huwa għamel lil tlieta mill-persuni fuq indikati.[17] Inoltre huwa informa lill-Qorti illi mill-aħħar seduta 'l hawn huwa kien ġie infurmat li r-rikorrent kien qiegħed jipprova jagħmel kuntatt man-nies indikati minnu bħala li kienu lesti li jixhdu, sabiex ma' jixhdux:

*"Mela, mill-ahhar darba li xhedt ... mill-ahhar darba li xhedt infurmat li Neville*

[17] Fol 228

*Gafa qed jipprova jaghmel kuntatt propju ma' dawn ix-xhieda biex iwaqqafhom milli jixhdu. Infurmat, pero' mhux ikkonfermat tela' darbtejn il- Libja u anke baghtuli r-ritratti li qieghed il-Libya jitkellem ma' certu Militius biex iwaqqaf lil dawn in-nies milli jitkellmu. Kien hemm laqgha wkoll f'Malta, fl-ufficcju tal-Prim Ministru, fejn delegazzjoni Libjana giet Malta u meta Neville Gafa li kien prezenti, sar jaf li wiehed minnhom huwa minn Zintan, staqsa lil dan il-persuna biex jikkuntattja lil dawn in-nies u biex ma jixhdux kontrih, u lest li joffrilhom whatever they want. Jien ghalija dan huwa speci nghidu li qed isir kuntatt ... wara li jiena pprezentajt dawn id-dokumenti l-ahhar darba, hemm attentati serji biex iwaqqfu lix-xhieda milli jghidu dak li ghandhom jghidu. Dawn ix-xhieda lesti jghidu min kellimhom, min qed jipprova jwaqqafhom u kollox ... fuq fuq dawn l-affarijiet. Nerga' nappella lill-Qorti li dawn ix-xhieda iridu jigu jixhdu huma stess u juru l-evidenza li huma stess ghandhom f'idejhom. Hemm hekk ha tisma' ir-recordings taghhom stess jghidu dak li qed nghid jiena hawnhekk."*

37. In kontroeżami meta x-xhud ġie mistoqsi jekk jafx li l-Pulizija kienu effettivament sabu li r-riċevuti in kwistjoni kienu foloz, huwa wieġeb li l-pulizija ma' kienux qed jitħallew jinvestigaw dan il-każ kif suppost.

38. Fit-tkomplija tal-kontroeżami tiegħu fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019 **Ivan Grech Mintoff** ikkonferma illi huwa ma' kienx iltaqa' mal-Libjani personalment iżda kien għamel kuntatt magħhom telefonikament permezz tal-Viber u WhatsApp. Huwa esebixxa ukoll kopja ta' affidavit u *translated copy*[18] li tħejja minn tlieta min-nies li ġew imqabbda biex jitkellmu f'isem il-Libjani li x-xhud għamel riferenza għalihom fix-xhieda tiegħu. Dan l-affidavit ma' ġiex maħluf f'Malta iżda x-xhud qal li ġie ppreparat skond is-sistema legali Libjana:

*"Dawn in-nies meta iddeciedu li jixtiequ jitkellmu, marru l-Libyan Government Ministry of Health igifieri il ... il ... emm ... iz-Zintan u General Administration. Talbu biex isir dokument ufficcjali fejn huma qed jghidu li jixtiequ jitkellmu b'mod legali. Qabbdu u ghamlu l-istatements taghhom wiehed wiehed ta' xi gralhom u ma gralhomx u hemm tlettax –il wiehed minnhom imnizzel hawnhekk. Dawn marru igifieri ghand il-Legal System taghhom u marru ghand il-Libyan Government u kitbu l-istorja taghhom forma ta' affidavit ... x'tista' ssejjhilha... x'igifieri ... iva qabel*

[18] Fol 231-240

*ma tkellmu, qabel ma jixtiequ jigu hawnhekk ghamlu wkoll dikjarazzjoni ufficcjali bl-ID Card Number taghhom ... bil-mobiles taghhom imnizzel u dan gie istampat ukoll bil-Legal System taghhom hawnhekk. Jien ghamilt translation ukoll ... dan kollu bl-Gharbi s'intendi. Africo Malta Ltd, il-Qorti ta' Malta tirrikonoxxiha bhala translator tal-Gharbi, mort ghandhom u staqsejthom biex jaghmlu translation taghhom bl-Ingliz, u kull wiehed minn dawn it-tlettax il-persuna qed jghid l-istorja tieghu ta' x'gara u ma garax meta kien Malta hawnhekk. Dawk it-tlettax, to make things simple, minn dawk is-sebgha qabdu tlieta minnhom biex jitkellmu f'isimhom. X'igifieri? Qabdu u kitbu l-affidavit taghhom hawnhekk b'mod legali l-Libya u qalu lil tlieta minn dawn li jistghu ikelmu l-Qorti ta' Malta f'isimhom u biex jipprezentaw id-dokumenti ufficcjali taghhom."*

39. Għal kull bwon fini, kif sew irrimarkat fl-istadju ta' meta ġie ppreżentat, il-Qorti tinnota illi dan l-affidavit apparti li m'għandux is-soltu solennita' li jitlob il-leġislatur, imqar il-legalizazzjoni tiegħu skond il-Konvenzjoni tal-1961 (Apostille Convention), anqas biss ma' jidher minn min ġie redatt. Għalhekk hija assolutament ma' tistax tieħu konjizzjoni tiegħu u tqisu bħala prova inammissibbli.

40. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019 xehdu ħames persuni direttament mill-Libja permezz tal-*video conferencing*. Dawn kienu: Mohammed Najib, Ayman Mohammed Alseed Misbah (magħruf ukoll bħala Ayman Alzintani), Mohammed Ali Algool, Hamza Hussain u Mohammed Salem Agag. Għal kull bwon fini jingħad illi bl-eċċezzjoni ta' Mohammed Ali Algool u Ayman Mohammed Alseed Misbah, il-persuni l-oħra li xehdu ma' kienux ġew indikati mix-xhud Ivan Grech Mintoff fix-xhieda tiegħu bħala xhieda potenzjali.

41. Għandu jingħad ukoll mill-Qorti illi għalkemm saru l-aċċertamenti kollha meħtieġa sabiex jiġu identifikati x-xhieda u sabiex ikun hemm interpretu kemm fuq in-naħa tax-xhieda u kemm fl-awla, madanakollu l-livell tal-lingwa ma' setax jitqies bħala wieħed għoli u għalkemm f'partijiet mix-xhieda l-Qorti setgħet tifhem dak li kienu qed jixhdu dawn ix-xhieda, f'partijiet oħra hija rat illi dan ma' kien xejn faċli. Għalhekk hija ser tagħmel riferenza biss għal dawk is-siltiet li hija tqis rilevanti u li fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet tqis bħala attendibbli bħala prova:

42. **<u>Mohammed Ali Algool</u>** xehed bl-assistenza ta' interpretu illi huwa kien akkumpanja lil ċertu Ayman Mohammed Alseed Misbah (li xehed ukoll fl-istess seduta) ġewwa Malta peress illi dan kellu jiġi operat. Huwa spjega kif wara l-

operazzjoni darba minnhom mar iżuru ġewwa l-Isptar Mater Dei u sabu li ma' kienx f'kundizzjoni tajba u dan għaliex mid-dehra dan kien ġie mitkellem fost oħrajn mir-rikorrent Neville Gafa. Sostna ukoll illi huwa sema personalment lil Neville Gafa u lill-interpretu tiegħu jitolbu l-flus mingħand il-midruba. Meta staqsihom għal liema raġuni riedu l-flus, ġie infurmat li dan kien għall-iskop tal-*visa* tagħhom:

> *"Xhud: I was accompany with the ward Aymen (hawnhekk ix-xhud kien qed jirreferi għal Ayman Mohammed Alseed Misbah li xehed ukoll waqt is-seduta) because I was only have the Visa of the family I have only in Europe. The family said to me you must go with him and take care with him. I went to Tunisia then I went to Malta from Tunisia and was there when I get out of airport, there is people there hospitality at airport. I felt the humanity of this state and one of them was Dr Olan Sanussi. Then we went to hospital of Mater Dei. The second day they did the surgery for Aymen. They cut off his leg and from that time I helped him. Suddenly in one of days I came to Aymen, I found him he is not in good condition. I asked him what is the reason for this case, because of the dealing of the healthy and from Neville Gafa ...*
>
> *... Xhud : My personal Visa is monthly, because I was with the wounded, and I see and listen Neville Gafa and the translator, they want money from the wounded. And I was with them when they wanted the money and the translator translated to them to pay money. Why I give you this money? To complete your Visas and everything. Ahmed said to them Aymen said this is bad. They said to him yes we accept this bad thing."*

43. **Ayman Mohammed Alseed Misbah** xehed bl-assistenza ta' interpretu illi huwa ġie Malta għall-kura fl-4 ta' Settembru 2014 u li ġie operat (amputazzjoni ta' waħda minn saqajh) fit-tieni ġurnata. Spjega illi huwa suppost kellu jibqa' Malta għal iżjed minn ħmistax-il ġurnata sabiex jirkupra mill-intervent kirurġiku iżda ma' setax jagħmel dan minħabba li r-rikorrent kien saqsieh għall-flus. Huwa l-ewwel talbu €2,000 imbagħad €2,500 u sussegwentement €3,000. Qal illi persuna oħra Libjana li kienet miegħu għall-kura kien tħalla joqgħod Malta għal sena u dan ġara minħabba li skond Neville Gafa kien ħallsu dak li talbu. Effettivament ix-xhud baqa' ma' ħallasx u kellu jitlaq minn Malta. Sussegwentement pero' u ċioe wara l-ftuħ tal-kawża odjerna, x-xhud jgħid illi iltaqa' mar-rikorrent u dan wegħdu l-flus sabiex ma' jixhidx u wegħdu ukoll illi jerġa jġibu Malta għat-tkomplija tat-trattament tiegħu. Huwa ġie offrut is-somma ta' bejn €250,000 u €300,000 pero' x-xhud irrifjuta:

*"Xhud : He want from us for meeting, he said to us I am Muslim and you are Muslims and you would like to solve this case in a friendly way, hand me an amount of money, I promise you for treatment and he will consolate the cost for Visa and that's it.*

*Dr Fenech : Mela ha nara fhimtx jiena, let me see if I understood. He met Mr Gafa who promised you that he could arrange the situation including a Visa for more treatment?*

*Interpretu : Tista' tispjega bil-Malti jekk ma jimpurtax?*

*Dr Fenech : Iva mela le. Ara fhimtx jiena tajjeb, wara reggha ntaqa' mas-Sur Gafa u s-Sur Gafa biex jirranga l-affarijiet offrielu li jirrangalu l-Visa biex ikun jista' jkompli t-trattament tieghu, qed nifhem sew dak li ghidtli?*

*Xhud : Yes and he promised me to go back to the doctor who cut my leg in April 2016*

*Dr Fenech : Okay mela, dan talbu biex jirranga l-affarijiet tajjeb, mela s-Sur Gafa offra li jirranga l-affarijiet, u minghand is-Sur Aymen x'talab is-Sur Gafa? Biex itih il-Visa?*

*Xhud : You stop this case and give him money.*

*Dr Fenech : Tajjeb mela fhimna. Issa l-ahhar mistoqsjia. Is-Sur Gafa kien qed joffrilu l-Visa u t-trattament biex iwaqqaf il-kaz ghaliex? Aymen x'kien qed jghidlu lil Gafa? X'ghamel biex gie Gafa u offrielu din?*

*Xhud : All he wants to is abdict about this case, do not talk about this case abdict it, and in return he will be give them the money and everything that they want, treatment and the money.*

*Dr Fenech : How much money, kemm flus?*

*Xhud: Between 2000 Euros and 300,000 Euros.*

*Dr Fenech : Minuta wahda erga' spjegali ftit, your translation might not be correct. Ghidhielu bil-Libjan please. Ghax inti semmejtli 250 sa 300 000.*

*Interpretu : Bejn is-somma Mr Gafa bazikament li dan Aymen 250 000 u 300 000 Euro.*

*Xhud : Yes and he refused."*

44. **Mohammed Najib**, li ukoll xehed bl-assistenza ta' interpretu, qal li ġie Malta mit-Tuneżija fit-23 ta' Ottubru 2014. Saritlu operazzjoni fuq saqajh fl-Isptar Saint James u suppost kellu ikompli t-trattament tiegħu f'Malta. Madanakollu b'ordni tar-rikorrent, tpoġġew għadd ta' persuni ta' sigurtà barra l-kamra tiegħu u ma' tħalliex jirċievi viżitaturi għajr għar-rikorrent li żaru personalment. Dan talbu €2500 biex jibqa' Malta iżda baqa' ma' ħallsux. Mhux l-istess għamlu xi persuni oħra li kienu f'sitwazzjoni simili ġewwa pajjiżna. Ir-rikorrent kien anke ħeġġeġ lil dawk li ma' kellhomx flus sabiex jibgħatu lill-familjari tagħhom ġewwa l-Libja biex ituhom il-flus:

*"Xhud : He wanted 2500 Euros to the wounded to stay in Malta.*

*Dr Fenech : Talbu dawn il-flus ghaliex biex jirkupra mill-operazzjoni minn xiex mit-trattament li kien qieghed jinghata?*

*Xhud : For Visas and complete the treatment.*

*...*

*Dr Fenech : Mela f'Malta talbu dak, tahomlu l-flus?*

*Xhud : I did not give anything and the rest of the wounded, some of them give and some of them don't have money, and he told them contact to their families and send to them the money*

*...*

*Dr Fenech : Issa l-flus intalbu ghat-trattament jew biex jinghataw Visa biex jiġu Malta?*

*Xhud : He want the money for Visas and the treatment"*

Ix-xhud kompla jispjega kif ir-rikorrent kien żar il-Libja sabiex iħeġġeġ lilu u lil xi nies oħra sabiex ma' jixhdux f'din il-kawża u f'dan ir-rigward kien offrilu flus u kien wegħdu ukoll illi jerġa jġibu Malta għall-kura:

> *"Xhud : Mr Neville Gafa came to Libya and he want to sit with us, he wanted to tell us we stop about this case. We met with him and there was a person his name is Abdul Raouf, and they said to us, we will give you money that what happened to you in Malta and give you treatment again and consolate the Visa cost and talking about the money. They give us many times from time to time they give us amount of money. We told them we believe in Court of Malta and we know the right is on our side."*

Finalment ix-xhud informa lill-Qorti li kien hemm persuna oħra midruba li xtaqu jixhdu u li però ma' setgħux jagħmlu dan minħabba l-gwerra:

> *"the rest of wounded they cannot come to here because of war that happened now.*
>
> *Dr Fenech : Mela qed jghidilna li l-ohrajn ma jistghux jigu hemmhekk minhabba l-gwerra li hemm bhalissa.*
>
> *Xhud : Yes. The rest of the wounded.*
>
> *...*
>
> *one of this wounded his name was Dao Salem Ali this wounded is they make some things bad with him there, he waiting for a long time to make surgery, and this is the picture of Mr Dao Salem Ali"*

45. Ix-xhud **<u>Hamza Hussain Alwakwak</u>** xehed illi qabel ma' ġie Malta huwa kien intalab personalment mir-rikorrent, tramite interpretu, sabiex jagħtih €2,500 u huwa filfatt kien ħallas dan l-ammont biex jiġi Malta għall-kura:

> *"Xhud : He said the translator talked with him, yes he talk to him and he said to him Mr Neville Gafa want 2500 Euros to recieve him in hospital.*
>
> *Dr Fenech : Ghaliex x'kien gralu? What for?*
>
> *Xhud : For treatment, the cause is treatment and if you want to go there you must pay 2500 Euros if you would like to go to Malta for treatment.*
>
> *Dr Fenech : Imma t-trattament illum nafu li t-trattament kien b'xejn ghal Libjani li wegghu fil-gwerra. Allura ghaliex talabhomlu l-flus?*

*Xhud : He said I don't know but he said the Ministry or the healthy there want money for recieve them in hospital. The Maltese healthy, the translator said to him, the healthy of Malta want this ammount of money to recieve him or them in hospital in Malta.*

*Dr Fenech : So allright mela qed nifhem li l-Awtoritajiet tas-Sahha lilu qed jghidulu li kienu qed jitolbu l-flus. Hallas flus?*

*Xhud : 2500 Euros. And 100 Euros at airport and the ambulance car 100 Euros.*

*Dr Fenech : Hallashom dawn jew gie mitlub?*

*Xhud : Yes he paid them.*

*Dr Fenech : Hallas il-flus. Lil min hallas il-flus? Lil min hallas il-flus mhux kemm, lil min hallas il-flus?*

*Xhud : He was a translator.*

*Dr Fenech : Who was with the translator?*

*Xhud : Translator and Neville Gafa.*

*Dr Fenech : Okay so he paid the translator and there was Neville Gafa. How long did he stay for treatment in Malta? Kemm dam ghat-trattament gewwa Malta?*

*Xhud : Two months and a half."*

46. Ix-xhud **Mohammed Salem Agag** xehed illi wara intervent kirurġiku li kien sarlu f'Malta huwa xtaq jibqa' hawnhekk biex jistudja sakemm ikompli t-trattament tiegħu. Huwa qatta' xahrejn hawn biex jistudja iżda fit-tielet xahar kellu jitlaq minħabba li ntalab iħallas ammont ta' flus mir-rikorrenti tramite interpretu. Huwa intalab is-somma ta' €2,500. Huwa ma' ħallasx din is-somma u tkeċċa minn Malta apparti li tilef ukoll il-flus tal-kirja li kien ħallas bil-quddiem sabiex jgħix f'Malta:

*"Xhud : I did my surgery on my leg and my leg is lack, there is lack of wound. The*

*doctor told me after a year come back to complete your treatment. The period of treatment day after day I go to the hospital. In this period I entered the school, I would like to study there. I studied for two months and the third month I did not complete. Why I don't complete? Because he want me to give money to complete my study.*

*Dr Fenech : Min? Min riedek thallas il-flus?*

*Xhud : The translator who translate to Neville Gafa. He want from me and I refused.*

*Dr Fenech : X'talbu kemm talbu?*

*Xhud : 2500 Euros.*

*Dr Fenech : 2500 Euro. Tajjeb. U hu kellu problema b'xi Visa biex jigi Malta?*

*Xhud : There is no problems okay but he want money to give me a lot of time to stay there.*

*Dr Fenech : Money to give you more time to stay in Malta. Okay. Did he give him money? Tahomlu l-flus?*

*Xhud : No I don't give him.*

*Dr Fenech : U x'garalu peress li ma hallasx?*

*Xhud : He told him come to him to his flat and say to him, if you do not pay I will tell the police and arrest you.*
*Dr Fenech : Who told him this? Min qallu dan il-kliem?*

*Xhud : The translator.*

*Dr Fenech : Kien wahdu jew kien hemm xi hadd mieghu?*

*Xhud : No, no one.*

*Dr Fenech : U min bghatu t-translator?*

*Xhud : Neville Gafa.*

*Dr Fenech : U x'garalu meta ma hallasx?*

*Xhud : He resisted in school for three months, he spent two months and a third month the translator come to him and said to him leave the school, obey or I will arrest you. And I lived with the English woman there and paid this English woman for six months to live with this English woman.*

*Dr Fenech : Imbaghad x'gara?*

*Xhud : I lost the rent and to stay with the woman and my studying and I lost the treatment of my leg.*

*Dr Fenech : Imbaghad meta mar lura l-Libya?*

*Xhud : The translator come to him and he said to him come with me and you will leave Malta to Tunisia and come to Libya."*

47. Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021 xehdu ukoll żewġ xhieda oħra, ċioe Daosalem Ali Elamood u Yousef Abdulwahab, permezz tal-*Microsoft Teams.*

48. Ix-xhud **Daosalem Ali Elamood,** li kien għamel riferenza għalih ukoll ix-xhud Mohammed Najib fix-xhieda tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2019, spjega kif huwa ltaqa' mar-rikorrent fl-Isptar Saint James wara li kien ntbagħat Malta għall-kura fl-2014. Huwa kien introduċa lilu nnifsu bħala aġent tal-Ministeru tas-Saħħa. It-tieni darba li ltaqa' miegħu kien fl-appartament fejn kien qed jgħix ġewwa Malta. Huwa qatta sitt xhur ġa pajjiżna. Kien jgħix f'appartament ġewwa l-Gżira meta darba waħda kienu ġew il-Pulizija biex ikeċċuh. Dan ġara għaliex huwa ma' kienx ħallas għall-*visa.* Ġewwa l-Isptar Saint James, ir-rikorrent kien talbu €2,000 - €3,000 għall-*visa* iżda x-xhud ma' kellux biex iħallsu. Huwa baqa' ma' ngħatax it-trattament li kellu bżonn.

49. Ix-xhud **Yousef Abdulwahab** xehed fl-istess seduta illi waqt li kien Malta għall-kura fuq idejh fl-2014, ġie iżuru r-rikorrent ġewwa l-appartament fejn kien jgħix u nfurmah illi kien qed jirrappreżenta lill-Ministeru tas-Saħħa. Fil-presenza ta'

interpretu huwa talbu €3,500 sabiex titkompla l-kura tiegħu inkella jitkeċċa minn Malta. Ix-xhud ma' kellux flus u intbagħat Malta biex b'hekk it-trattament mediku twaqqaf ħesrem. Spjega ukoll illi iktar tard, fl-2018, iltaqa' ukoll mar-rikorrent ġewwa Tripli fejn talbu u lil xi nies oħra sabiex ma' jixhdux fil-Qorti u għal dan il-għan wegħdhom is-somma ta' €350,000 kull wieħed.

*Il-ġustifikazzjoni ta' allegazzjoni magħmula minn terz*

50. Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' allegazzjoni magħmulha minn terz, il-Qrati tal-Ingilterra u Wales sostnew għal diversi drabi illi d-diffamatur ma' jistax jistrieħ fuq il-fatt illi jkun irċieva din l-allegazzjoni libelluża mingħand it-terz, iżda dejjem jeħtieġlu li jressaq provi illi tali allegazzjoni tkun sostanzjalment korretta.

51. Fis-sentenza fl-ismijiet **Lewis v. Daily Telegraph Ltd. (1964, AC)** il-Qorti tal-Appell Ingliża qalet is-segwenti:

> « *The basic principle applicable is that stated in Gatley on Libel and Slander, 4th ed., p. 106, and approved in Truth (N. Z.) Ltd. v Holloway* [19] *that every publication of a libel is a new libel and each publisher is answerable for his act as if the calumny had originated with him … To establish a plea of justification the defendant must prove that the defamatory imputation is true. If something is published as "'suspicion" or "belief" only, for example, that the plaintiff committed a murder, it is not enough to prove the belief, for the damaging imputation is the substantive charge of murder …* »

52. Fis-sentenza fl-ismijet **Chase v. News Group Newspapers Ltd.**, [2002] EWCA (Civ) 1772, [2003] E.M.L.R. 11, 218 (C.A.) ingħad hekk:

> « *39. It remains the law (subject to any HRA considerations) that if a defendant repeats a libel he/she has heard from others, a plea of justification will only succeed if he/she can prove by admissible evidence that what they said was substantially true. The relevant law was authoritatively restated by this court in Shah v Standard Chartered Bank Ltd [1999] QB 241. In Lewis v Daily Telegraph Ltd [1964] AC 234 Lord Devlin observed at pp 283-4 that:*
>
> *"… you cannot escape liability for defamation by putting the libel behind a prefix such as 'I have been told that ..' or 'It is rumoured that …' and then*

[19] **Truth (NZ) Ltd v Holloway** [1961] NZLR 22 (PC)

*asserting that it was true that you had been told or that it was in fact being rumoured. You have … to prove that the subject matter of the rumour was true."* »

53. L-intimat għalhekk irid mhux biss jagħmel tiegħu l-allegazzjonijiet li huwa jgħid li rċieva mingħand diversi persuni, iżda oltre minn hekk irid jara kif ser jipprova li dawn l-allegazzjonijiet huma sostanzjalment veri. Mhux ta' b'xejn li oneru bħal dan ġie deskritt minn ċertu awturi bħala li jersaq viċin il-*probatio diabolica.*

*Id-diffikultà' li tiġi ppruvata l-verità*

54. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet; **Albert Caruana v. Gino Cauchi** (App. Ċivili Nru. 775/02, 23/06/2004) tenniet illi:

*"fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("fair") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ[20]"*

> « *hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill ġurisprudenza, illi d divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon ta' l interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva.* »

55. Hekk ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi diversi tagħha matul is-snin ipproteġiet dan id-dritt ta' kronika u dan *per di piu* anke f'każijiet fejn jiġu ppubblikati xniegħat jew qlajja illi l-ġurnalista ma' jkunx jista' jipprova. Per

[20] App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Beżżina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et.** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015)

eżempju fis-sentenza **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland**[21] intqal mill-Qorti illi għalkemm l-allegazzjonijiet kienu bbażati fuq xniegħat persistenti li kienu ġejjin mill-pubbliku, ma' kienx raġjonevoli però għall-persuna li allegatament tat lok għall-malafama illi tipprova l-verità ta' dawn l-allegazzjonijiet:

> « *the press would be able to publish almost nothing if it were required to publish only fully proven facts. Obviously, the Court's considerations have to be placed in the context of public debates on matters of public concern.* »

56. Fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet: **Dalban v. Romania** (App No 28114/95) mogħtija fit-28 ta' Settembru 1999, f'każ fejn ġurnalista Rumen għamel numru ta' akkużi ta' korruzzjoni u *mismanagement* fil-konfront ta' kap eżekuttiv ta' korp statali fis-settur tal-agrikoltura, l-Awla l-Kbira tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li għamel riferenza għall-kawżi oħra inkluż il-każ ta' Lingens v. Austria, stqarret illi:

> « *49. One factor of particular importance for the Court's determination of the present case is therefore the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. In cases such as the present one, the national margin of appreciation is circumscribed by the interest of democratic society in enabling the press to exercise its rightful role of "public watchdog" in imparting information of serious public concern (see Bladet Tromsø and Stensaas cited above, § 59). It would be unacceptable for a journalist to be debarred from expressing critical value judgments unless he or she could prove their truth (see the Lingens v. Austria judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 28, § 46).* »

57. X'inhi l-posizzjoni fil-liġi Maltija? Nonostante li d-dħul fil-liġi tal-Kap. 579 issodat u daħlet formalment eċċezzjonijiet oħra li d-diffamatur jista' jagħti (fosthom l-

[21] **Thorgeir Thorgeirson v Iceland** (1992) 14 EHRR 843; 13778/88; [1992] ECHR 51 25 Jun 1992

eċċezzjoni tal-opinjoni onesta), il-posizzjoni meħuda fil-Qrati tagħna baqgħet sostanzjalment l-istess fir-rigward tal-*exceptio veritatis.* Meta d-diffamatur jeċċepixxi l-verità jeħtieġlu jipprova li l-fatti allegati minnu huma sostanzjalment veri. Jekk ma' jirnexxielux jagħmel dan id-difiża tiegħu taqa' fix-xejn.

58. Din il-posizzjoni tradizzjonalment ġiet addottata ukoll fil-qrati Ingliżi. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Grobbelar v. News Group Newspapers Ltd and Another** (UKHL, 24.10.2002) f'każ fejn it-tabloid Ingliż "*The Sun*" ippubblika serje ta' artikli b'akkużi serji ta' xiri ta' logħob u korruzzjoni fil-konfront tal-goalkeeper tat-tim tal-futbol Liverpool FC. Bruce Grobbelar, wieħed mill-argumenti tad-diffamaturi kien dak illi kien diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli li tipprova illi player professjonali ikun intenzjonalment lagħab ħażin bl-iskop ta' korruzzjoni. Lord Millett ma' qabilx ma' dan l-argument u tenna s-segwenti:

> « *Two arguments have been advanced in response. The first is that advanced in argument by the newspaper. It can be expressed in words such as these: That a professional sportsman has deliberately underperformed in a match is bound to be very difficult to prove - all sportsmen make mistakes in the course of play - an international class striker may miss the goal from point blank range - deliberate errors are virtually impossible to prove.* ***If this argument is meant to suggest that when the truth of a defamatory statement is difficult to prove, and has not been proved, then the truth of the statement may be treated as proved nevertheless, it is not the law, nor should it be*** (emfażi u sottolinear miżjuda mill-Qorti). *The law is that so far as the issue of justification is concerned, the publisher of the defamatory statement must allege and prove that the statements of fact were substantially true, no more, no less. In the present case, the defendants did not at the trial attempt to rebut the plaintiff's evidence that he had never attempted to throw a game* »

59. M'hemmx dubbju għalhekk illi diffiċli kemm hu diffiċli l-intimat jeħtieġlu f'din il-kawża li jipprova illi l-allegazzjonijiet rrapportati kontra r-rikorrent huma sostanzjalment korretti, ġaladarba kien huwa stess li qajjem l-eċċezzjoni tal-verità. Kif jista' jagħmel dan? X'provi ammissibbli għandu jew jista' jġib? Jista' jressaq dawk il-provi miġjuba minn xhieda fuq kliem ħaddieħor (l-hekk imsejjaħ "detto del detto") ?

*Provi miġjuba minn xhieda fuq kliem ħaddieħor ("il detto del detto")*

60. Fis-sentenza ġia rapportata mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **Chase v. News Group Newspapers Ltd.**, [2002] EWCA (Civ) 1772, [2003] E.M.L.R. 11, 218 (C.A.) intqal hekk:

« *39. I have referred to "admissible evidence". To some extent the Civil Evidence Act 1995 ("the 1995 Act") has altered the landscape. It remains the law (subject to any HRA considerations) that if a defendant repeats a libel he/she has heard from others, a plea of justification will only succeed if he/she can prove by admissible evidence that what they said was substantially true. The relevant law was authoritatively restated by this court in Shah v Standard Chartered Bank Ltd [1999] QB 241...*

*40. In Shah Hirst LJ observed at p 263F that one most salutary advantage of holding fast to the repetition rule was that it avoided lengthy investigation of the reliability of the makers of hearsay statements which might otherwise be admissible ...*

*41. It appears to me, however, that in Shah May LJ could not have had the provisions of the 1995 Act in mind when he said at p 270C:*
*"Allegedly credible hearsay may not contribute to such proof [viz that there are reasonable grounds to suspect a plaintiff of discreditable conduct]. Defendants will have to call their informants or provide other direct evidence."*

*42. Provided that the requirements and safeguards of the 1995 Act and CPR Part 33 are observed a defendant may now in theory adduce hearsay evidence of whatever degree in an attempt to prove the truth of the particulars of justification. Mr Suttle, who appeared for the claimant, accepted that this must be the case, since the 1995 Act contains no exceptions so far as defamation cases are concerned.*

*43. The statutory and regulatory safeguards, however, include:*

*(i) a requirement that a party proposing to adduce hearsay evidence must notify the other party. (Failure to do so in accordance with the rules contained in CPR Part 33 can adversely affect the weight of the evidence);*

*(ii) a power to require the maker of a hearsay statement on which reliance is placed to be called for cross-examination on the contents of that statement;*

*(iii) a power to permit the other party (subject to due notice) to call evidence attacking the credibility of the maker of the hearsay statement;*

*(iv) a requirement that the court, in estimating the weight (if any) to be given to hearsay evidence in civil proceedings, must have regard to any circumstances from which any inference can reasonably be drawn as to the reliability or otherwise of the evidence.*

*44. These safeguards are set out in sections 2 to 5 of the 1995 Act and in CPR 33.2-33.5. So far as the fourth safeguard is concerned, section 4(2) of the Act provides that the factors to which the court may have regard include, in particular:*

*(a) whether it would have been reasonable and practicable for the party by whom the evidence was adduced to have produced the maker of the original statement as a witness;*
*(b) whether the original statement was made contemporaneously with the occurrence or existence of the matters stated;*

*(c) whether the evidence involves multiple hearsay;*

*(d) whether any person involved has any motive to conceal or misrepresent matters;*

*(e) whether the original statement was an edited account or was made in collaboration with another or for a particular purpose;*

*(f) whether the circumstances in which the evidence was adduced as hearsay were such as to suggest an attempt to prevent proper evaluation of its weight.* »

61. Għalhekk fl-Ingilterra sa' mill-1995 bid-dħul fis-seħħ tas-*Civil Evidence Act* sar possibbli għad-diffamatur illi jeċċepixxi l-verità illi jressaq provi b'xhieda *detto del detto* salv li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet msemmija u dan mingħajr l-obbligu li jressaqhom direttament biex jixhdu.

62. Il-posizzjoni legali f'Malta hija iżjed wiesa. Fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Spiteri v. Carmel Mallia et.** (Rik. Nru. 506/08/1, 27/10/2021) il-Qorti tal-Appell Superjuri tenniet illi:

*« ... fis-sistema legali Maltija ma teżistix regola riġida dwar l-ammissibilita` ta' xhieda detto del detto għaliex skont l-Artikolu 599 tal-Liġijiet ta' Malta huwa fil-poter diskrezzjonali tal-ġudikant illi jammetti tali xhieda fiċ-ċirkostanzi previsti mill-istess artikolu. L-ammissjoni ta' xhieda detto del detto pero` ma tfissirx awtomatikament illi fl-evalwazzjoni tal-provi l-Qorti ser tqis illi dik ix-xhieda hija neċessarjament attendibbli jew kredibbli.* »

63. Il-prinċipju dwar l-ammissibilita tad-*detto del detto* jinsab assodat fl-Art. 598(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:

« **598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti**. »

64. L-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju imbagħad insibuhom fl-Art. 599 li jipprovdi kif ġej:

« **599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.** »

65. Għaldaqstant sabiex il-Qorti jkollha l-fakolta' tippermetti xhieda li tkun *detto del detto* jeħtieġ li dik ix-xhieda:

1. Tkun fiha nnifisha ta' importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża, jew

2. Tkun ta' persuna li ma' tkunx tista' tinġieb biex tixhed

U

3. X-xhieda tkun tali illi ma' tistax tiġi ppruvata sewwa mod ieħor.

66. Il-liġi telenka ukoll każijiet fejn dawn l-eċċezzjonijiet ikun propens li jitressqu (għalkemm ma' teskludix li jista' jiġu applikati f'każijiet oħra) fosthom fil-każ meta x-xhieda tkun ta' interess ġenerali jew pubbliku.

67. Issa fil-każ odjern ix-xhud **Ivan Grech Mintoff**, imressaq mill-intimat, xehed illi huwa fl-investigazzjoni tiegħu kien uża l-kuntatti li kellu ġewwa l-Libja sabiex jagħmel kuntatt telefoniku (permezz tal-Viber u l-WhatsApp u jirrekordjahom) ma' ħames persuni Libjani: Serraj Essa, Ali Gamati, Ayman Alzintani, Osama Mohammed Zaidi u Ali Mohameed Algool. Għalkemm huwa stqarr illi dawn kollha kienu lesti jixhdu f'Malta jekk jingħataw ċertu garanziji mill-istat Malti kienu biss tnejn minnhom, u ċioe **Ali Mohammed Algool** u **Ayman Mohammed Alseed Misbah** (magħruf ukoll bħala Ayman Alzintani) li xehdu personalment fil-proċeduri u dan permezz tal-*video conferencing.* L-oħrajn ma' xehdux (għalkemm xehdu persuni oħra li ma' kienux ġew elenkati bħala xhieda minn Ivan Grech Mintoff). Ir-raġuni 'l għala l-persuni l-oħra ma xehdux hija waħda loġika u li ftit li xejn jista' jkun hemm dubbju dwarha. Il-Libja kienet dak iż-żmien u għadha sal-ġurnata tal-lum mifnija bi gwerra ċivili bejn fazzjonijiet differenti li lkoll jippretendu li għandhom jiggvernaw huma. Dan wassal sabiex affarijiet li għalina huma meqjusa bħala normali, bħal per eżempju post adegwat fejn xhud jista' jixhed u servizz tal-*internet* veloċi u affidabbli, m'huma xejn faċli li ssibhom f'dak il-pajjiż. Ix-xhud **Mohammed Najib** fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2019 alluda għal dawn id-diffikultajiet meta stqarr is-segwenti:

> *"the rest of wounded they cannot come to here because of war that happened now.*
>
> *Dr Fenech : Mela qed jghidilna li l-ohrajn ma jistghux jigu hemmhekk minhabba l-gwerra li hemm bhalissa.*
>
> *Xhud : Yes. The rest of the wounded..."*

68. Kif ġa ngħad, l-istess **Ivan Grech Mintoff** ħa ħsieb jesebixxi kopja tal-passaporti tal-ħames xhieda msemmija (u ta' tnejn oħra li però minkejja li kien kellimhom ma' kienx irrekordjahom) u skond hu l-identità ta' dawn il-persuni ġiet aċċertata mill-Uffiċju tal-Prim Ministru Libjan Fayez al-Sarraj.

69. Fir-rigward tat-tlett persuni li ġew mitkellma mix-xhud Grech Mintoff u li sussegwentement ma’ xehdux fil-kawża, ċioe **Serraj Essa**, **Ali Gamati** u **Osama Mohammed Zaidi**, il-Qorti tħoss illi tenut kont id-diffikultajiet reali sabiex jinġiebu jixhdu, l-importanza sostanzjali ta’ dak li qalu lix-xhud fuq il-mertu tal-kawża u fuq kollox tenut kont il-fatt illi tali xhieda hija ta’ interess pubbliku, hija għandha tqies ammissibbli x-xhieda in kwistjoni. L-istess jista’ jingħad ukoll għall-allegat *middleman* **Khaled Ibrahim Ben Nassar** li minkejja li ngħad illi huwa stess fetaħ kawża fil-Qrati Maltin *inter alia* kontra l-Ministeru tas-Saħħa (sabiex jirkupra lura s-somma ta’ €36,675 li allegatament kienet tħallset lir-rikorrent għal numru ta’ *medical visas* li baqgħu ma’ waslux), madanakollu tressqet prova[22] illi dan il-persuna kien irċieva theddid minn terzi persuni tant illi kien għamel rapport lill-Pulizija Maltija.

70. Mhux l-istess jista’ jingħad għall-persuni l-oħra **Abdulhakim S.A. Mreshigh** u **Naji Ejudi Duw Almabrouk** li l-Qorti tħoss illi għandhom jiġu skartati tenut kont tal-fatt illi fir-rigward tagħhom Grech Mintoff ma ħax jew ma’ setax jieħu l-istess kawteli li ħa fir-rigward tax-xhieda l-oħra (fosthom illi jiġu rrekordjati u/jew jsir *transcript* tad-diskursata).

71. Kif ġa ngħad, fis-suċċint it-tlett xhieda msemmija ġew irrappurtati mix-xhud Grech Mintoff li qalulu s-segwenti:

- **Serraj Essa:** Ir-rikorrent talab u tħallas **€ 1,750,000** għal tnejn u għoxrin *medical visas* urġenti li i baqgħu ma’ waslux.
- **Ali Gamati**; Ir-rikorrent talab li jitħallas somma ta’ **€3,000,000** oltre’ **€3,000** għal kull *medical visa* li tinħareġ,
- **Osama Mohammed Zaidi:** Waqt li kien Malta għall-kura, ir-rikorrent talbu jħallas somma flus (li ma’ ġietx speċifikata). Peress illi ma’ setax iħallasha huwa tkeċċa minn pajjiżna waqt il-perjodu tal-konvalexxenza.

72. Fis-suċċint ukoll ix-xhieda Libjani l-oħra li xehdu fil-kawża qalu s-segwenti:

[22] Ara x-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala tas-16 ta’ Jannar 2017

- **Ayman Alzintani** (jew skond il-passaport, Ayman Mohammed Alseed Misbah): Ir-rikorrent talbu bejn **€2,000 u €2,500** sabiex jinħarġu *medical visas* għall-Libjani li kienu ġew feruti fir-reġjun fejn jgħix
- **Ali Mohameed Algool**: Waqt li kien Malta għall-kura, ir-rikorrent talbu l-flus (mingħajr ma' speċifika kemm) u peress li ma' ħallsux spiċċa biex kellu jitlaq minn pajjiżna.
- **Mohammed Najib:** Waqt li kien Malta għall-kura, ir-rikorrent talbu **€2,500** biex jibqa' jieħu l-kura Malta.
- **Hamza Hussain Alwakwak:** Qabel ma' ġie Malta r-rikorrent talbu l-ħlas ta' **€2,500** għall-*medical visa.*
- **Mohammed Salem Agag:** Waqt li kien Malta għall-kura , ir-rikorrent talbu jħallas **€2,500** u wara li ma' ħallsux kellu jitlaq minn pajjiżna.
- **Daosalem Ali Elamood:** Waqt li kien Malta għall-kura, Ir-rikorrent talbu **€2,000 - €3,000** għall-*visa* iżda ma' kellux biex iħallsu u baqa' ma' ngħatax it-trattament li kellu bżonn
- **Yousef Abdulwahab:** Waqt li kien Malta għall-kura r-rikorrent talbu jħallas **€3,500**. Peress li ma' kellux biex iħallsu huwa ntbagħat lura pajjiżu mingħajr il-kura meħtieġa.

73. Dwar ir-riċevuti li kopji tagħhom ġew annessi mill-intimat mal-affidavit tiegħu fil-kawża numru 220/16, **Ivan Grech Mintoff** xehed illi dawn juru erba' u tmenin (84) pagamenti għal total komplessiv ta' €34,575 lil persuna bl-isem ta' Neville Gafa bejn Awwissu 2015 u l-bidu ta' Ottubru 2015. Għalkemm ġew riferuti bħala *riċevuti* fil-verità ma' jidhirx li dawn ħarġu mir-rikorrent nnifsu stante illi minn imkien ma' tidher il-firma tiegħu fuqhom. Filfatt f'dan ir-rigward l-intimat **David Lindsay** xehed dwar dak li kien qallu Khaled Ibrahim Ben Nassar, il-*whistleblower* u allegat *middleman:*

*"The documents which were shown to me during the meeting consisted of a carbon copy booklet of hand-written 'receipts', which are better described as invoices or records of payments to Neville Gafa for visas for Libyan nationals. These include the names of the individuals requesting visas, their identity numbers and the amounts Mr Ben Nasan says were paid by him to Mr Gafa on behalf of his clients"*

**Grech Mintoff** xehed dwar dawn ir-riċevuti li:

*"... dawn l-ircevuti kitibhom Khaled Ibrahim Ben Nassar il-whistleblower. Kien izomm xi erbgha kotba minnhom dawn, erbgha kotba tal-invoices u qal li… lili qalli li kien izomm dawn ghax meta kien jaghti l-passaporti tan-nies li kellhom bzonn il-medical visas li kien jitfa' f'envelope flimkien mad-dokumenti, insurances, etc, etc plus il-flus, Neville Gafa kien ihawwad u allura bdew din is-sistema fejn Neville Gafa kien ikollu ktieb, registru ta' min huma dawn in-nies, eccetra eccetra u hu kien izomm l-ircevuta hawnhekk ... ... L-ircevuti l-isem tal-persuna… tal-persuni, id-data ta' meta halli inkartament Neville… halli Ibrahim ghadda l-flus lil Neville Gafa, hemm il-passport number, hemm id-data ta' meta, u hemm miktub per ezempju, to Neville, 1700 euro"*

Fi kliem ieħor iżjed milli riċevuti dawn id-dokumenti kienu *records* allegatament miżmuma minn Khaled Ibrahim Ben Nassar fir-rigward tal-*medical visas* li kien applika għalihom għan-nom tal-klijenti tiegħu.

74. Fir-rigward tal-*iscreenshots* tal-messaġġi li għaddew bil-mezz tal-"Viber" bejn Khaled Ben Nasan u r-rikorrent[23], fejn fihom Ben Nasan jagħmel riferenza għall-ammont ta' €37,800 li kellu jiġbor lura mir-rikorrent rigward *medical visas* li ma' nħarġux, dawn l-istess messaġġi ġew ammessi mir-rikorrent innifsu illi xehed hekk:

   *"... li nista' nghid fuq dawk l-SMSs huwa dan : dan kien bniedem illi kien jigri warajja u icempilli il-hin kollu, ma nafx kemm-il darba, il-granet kollha. Jiena ma kontx inwiegbu ovvjament ghaliex ma kontx inhossni li ghandi noqghod inwiegbu, imma fost l-ohrajn gie li ghedtlu, darba ghedtlu – "yes", ktibtlu u ghedtlu li frosi nitlaqghu xi darba ohra. Ghedtlu "niltaqghu niehdu kafe". Jiena kont ghamilt din il-bicca xoghol ghal fatt li dan kien ghajjieni, psikologikament ghajjieni; il-hin kollu jcempel il-gurnata shiha! U jibgbat il-messaggi."*

75. **Filwaqt li l-Qorti ma' teskludix li huwa minnu dak li sostna r-rikorrent, madanakollu ma' tistax tinjora l-fatt illi għal iżjed minn darba (u mhux darba waħda biss, kif sostna r-rikorrent) Neville Gafa wieġeb lura l-messaġġi ta' Ben Nasan mingħajr ma' nnega dak li kien qed jgħidlu.**

76. Fi kwalunkwe każ il-Qorti tikkunsidra però illi *the sting of the libell* fl-artiklu lamentat m'huwiex tant ir-riċevuti nfushom daqs kemm l-allegazzjonijiet illi (i) r-

[23] Fol 131

rikorrent uża l-posizzjoni tiegħu sabiex **illegalment** daħħal flus fil-but (bejn €2 miljuni u €3 miljuni) u għalhekk ixxaħħam sabiex jinħarġu *medical visas* lil Libjani li applikaw għalihom, u (ii) f'numru ta' każijiet nies (inkluż tfal) li verament kellhom bżonn il-kura f'Malta spiċċaw mingħajr *medical visa* u b'hekk baqgħu ma' ħadux il-kura neċessarja (u xi ftit minnhom saħansitra mietu).

77. Mix-xhieda fuq elenkata l-Qorti tqis illi dan huwa każ eċċezzjonali fejn id-diffamatur rnexxielu fuq bażi ta' preponderanza tal-provi jipprova l-verità tal-allegazzjonijiet prinċipali ippubblikati minnu. Huwa minnu illi provi dwar l-allegazzjoni illi kienu mietu xi nies li baqgħu bla kura, ma' nġabitx. Pero' tressqu provi suffiċjenti illi juru illi tabilħaqq kien hemm numru ta' nies illi ġew imċaħħda mill-kura neċessarja, anke waqt li kienu diġa f'pajjiżna.

78. F'sitwazzjoni bħal din fejn l-allegazzjonijiet prinċipali ikunu ġew ippruvati bħala sostanzjalment veri, il-Qorti m'għandiex tinħela fuq li tfittex illi jiġi ppruvat kull fatt allegat fl-artiklu lamentat.

79. Fl-Artiklu 4(1)(b) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta'' Malta jingħad illi:

« **Meta stqarrijiet li dwarhom ikun sar l-ilment iwasslu għal żewġ imputazzjonijiet jew aktar, jekk ma jiġix muri li waħda jew aktar mill-imputazzjonijiet tkun sostanzjalment vera, id-difiża taħt dan l-artikolu ma taqax jekk, wara li jkunu ġew ikkunsidrati l-imputazzjonijiet li jiġu murija li huma sostanzjalment veri, l-imputazzjonijiet li ma jiġux murija li huma sostanzjalment veri ma jikkawżawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.** »

80. Issa huwa minnu illi kif ingħad fil-bidu nett tas-sentenza li l-Kap. 579 kien għadu m'huwiex fis-seħħ meta infetħet din il-kawża u għalhekk ma' japplikax għaliha. Però l-Qorti ma' tistax tinjora l-fatt illi dan l-artiklu m'għamel xejn iżjed milli daħħal formalment fil-liġi tagħna posizzjoni li maż-żminijiet saret titħaddan b'mod konsistenti fil-ġurisprudenza partikolarment mill-Qrati Ingliżi.

81. Il-Qorti tqis illi l-allegazzjonijiet prinċipali l-oħra huma tali illi min-natura tagħhom diġa huma serji biżżejjed illi jtappnu r-reputazzjoni tar-rikorrent. L-allegazzjoni l-oħra illi effettivament kien hemm nies (inkluż tfal) li mietu indirettament minħabba l-aġir tiegħu, għalkemm waħedha hija allegazzjoni serjissima, fl-isfond tal-

allegazzjonijiet l-oħra m'hijiex tali illi tista' tikkawża **iżjed** ħsara serja lir-reputazzjoni diġa mtappna (bl-allegazzjonijiet l-oħra) tar-rikorrent.

82. Għalhekk hija sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat f'dan ir-rigward.

**L-eċċezzjoni tal-*fair comment***

83. L-intimat eċċepixxa ukoll illi: "*l-kontenut tal-artikolu lamentat jikkonsisti biss f' fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku li għalhekk, jikkonsistu f' fair comment, kritika aċċettabbli f' soċjetà' demokratika u ezercizzju tal-liberta' tal-espressjoni sancita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*"

84. Fir-rigward tad-difiża ta' *fair comment,* fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) Lord Denning qal hekk:

> *« The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be* »

85. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

*« To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word.* » [24]

86. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[25] huma s-segwenti:

    1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
    2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
    3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
    4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u
    5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.
    6. Il-kumment irid ikun fuq materja li tkun "*in the public interest*" jew tal-inqas tkun tali li dwarha l-pubbliku jkollu "*a legitimate concern*"

87. Kif ġa ingħad iżjed 'l fuq m'hemmx dubbju li l-kummenti tal-intimat saru fuq materja li kienet fl-interess pubbliku u tabilħaqq kwistjoni illi l-pubbliku għandu jkollu *a legitimate concern* dwarha. L-intimat irnexxilu ukoll jipprova illi l-fatti allegati

---

[24] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[25] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

minnu *"those which go to the pith and substance of the matter"*, kienu sostanzjalment veri. Mill-bqija l-elementi l-oħra huma ukoll ampjament sodisfatti u għalhekk il-Qorti sejra ukoll tilqa' din id-difiża tal-*fair comment.*

**Deċiżjoni**

88. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-prova tal-verità u tal-*fair comment* tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrih.**

**Inoltre il-Qorti tirrakkomanda lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-allegazzjonijiet magħmulha minn xhieda li ġew prodotti f'din il-kawża dwar tentattivi min-naħa tar-rikorrent wara l-ftuħ ta' din il-kawża, sabiex jixtri s-silenzju tagħhom**

**Għal kull bwon fini l-Qorti tħoss illi jkun għaqli ukoll li tirrimarka illi din is-sentenza ma' tfissirx illi hemm provi biżżejjed mill-aspett ta' liġi kriminali sabiex ikun jista' jingħad li r-rikorrent involva ruħu f'atti ta' tixħim. Dik hija biss kwistjoni ta' natura kriminali illi ma' taqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti u li għalhekk tista' u għandha tiġi mistħarrġa biss fil-forum kompetenti. Inoltre huwa prinċipju fundamentali fil-liġi illi jekk u sakemm ikun hemm eżitu finali mod ieħor ta' tali proċeduri kriminali, r-rikorrent jibqa' meqjus innoċenti.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |